# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**Charmain Bezzina**

**Drogi Nru: 124/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Charmain Bezzina detentriċi tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 105980M.

Akkuzata talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Awwissu, 2018 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaijna speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżżazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-

Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

2. kellha fil-pussess tagħha d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

3. kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaijna speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżżazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif

sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. kellha fil-pussess tagħha d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizżazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizżata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. G. Vella LL.D., fid-digriet mogħti nhar is-26 ta' Ottubru 2013, u digriet/i sussegwenti, li bih tatha l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Charmain Bezzina u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Charmain Bezzina, u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex id-depożitu u s-somma bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat il-provi prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha, l-ammont tad-droga misjuba u l-purita taghha, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'wassal lill-imputata biex tikkommettiet dawn ir-reati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni ssib l-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u **tikkundannaha tlettin (30) xahar prigunerija u multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tordna lill-imputat biex thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ispejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti** liema spejjez sa llum jammontaw ghall-elf erbgha mija erbgha u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,474.58); dawn u l-ispejjez tar-rapporti li ghad iridu jigu prezentati ghandhom jithallsu fiz-zmien tlett xhur minn meta tintalab il-hlas tahhom.

B'referenza ghal-hames imputazzjoni l-Qorti **qed tirrevoka il-helsien mill-arrest** ta'l-imputata mghoti permezz ta' degriet tas-26 ta' Ottubru 2013 u konsegwentment tordna r-riarrest immedjat taghha u qed **tikkonfiska favur il-Gvern ta'Malta d-depozitu u l-garanzija** relattivi li flimkien jammonta ghas-somma ta' ghaxar telef u tmien mitt Euro (€10,800).

Il-Qorti qeghda b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tikkonfiska ukoll favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' elf mitejn u sittin Euro (€1,260) esebieti bhala Dok JX3, u l-vettura ta' tip BMW b'numru ta' registrazzjoni PLG001**.

In konkluzzjoni qed **tordna d-distruzzjoni tas-sustanza u oggetti** esebieti mill-espert il-Professur Emanuel Sinagra (Dok ES2 u Dok ES3) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**